MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Numru 1035/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

v

**SALVATORE SPITERI**
**LOUIS SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **SALVATORE SPITERI** ta' hamsa w erbghin sena bin Salvatore u Catherine nee Gatt, imwieled z-Zejtun nhar t-tlettax ta’ Gunju 1960 detentur tal-karta tal-identita numru 414960M u residenti 30, Triq Sant’Ubaldesca, Paola u **LOUIS SPITERI** ta’ erbgha w tletin sena bin Saviour u Catherine nee Gatt, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta’ April 1971 u residenti 1, Triq Sciortino, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita` numru 252071M gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fil-hmistax ta’ Novembru 2005, ghal habta tat-tlieta w ghaxra ta’ wara nofsinhar f’Misrah l-Bjar, Zejtun, voluntarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamlu hsara voluntarja fuq vettura tal-ghamla Renault bin-numru ta’ registrazzjoni CAH 795 liema hsara tiskorri l-hamsin lira izda mhux l-hames mitt lira maltin ghad-dannu ta’ Faical Mahouachi miz-Zejtun, kif wkoll hsara fuq bieb ta’ barra tar-residenza tieghu u fl-ghamara tal-fond 14b, Sqaq Bondolier, Zejtun;

2. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-bon ordni w il-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied, dagha u kliem oxxen;

3. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ghamlu feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Faical Mahouachi u Amanda Sptieri miz-Zejtun kif iccertifikaw Doctor Alan Drago u Doctor M. Leonard Grech tal-isptar San Luqa;

4. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, bi hsara tas-sid jew detentur, ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta’ haddiehor u ghamlu hsara voluntarja fl-istess fond.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provvediment tal-artikolu 383(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta favur l-imsemmi Faical Mahouachi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta’ Novembru 2005 [fol 8] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet liz-zewg imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali fis-seduta ta’ nhar s-sittax ta’ Novembru 2005 meta sarilhom l-ezami ai termini tal-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta [fol 9 u 10 rispettivament].

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 kif jirrizulta a fol 30 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom it-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil allegat vittma Faical Mahouachi jixhed fl-istess seduta tad-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005, u jghid li l-imputati kkagunawlu hsara fl-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira maltin pero Salvatore Spiteri kien diga hallsu s-somma ta’ elfejn lira maltin u kien ghad fadallu bilanc ta’ hames mitt lira maltin.
Semghet lil istess Faical Mahouachi jghid li ma kellux interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri u li kien qed jahfer liz-zewg imputati ghal dak kollu li ghamlulu pero xtaq li jkollu garanzija mill-Qorti li l-imputati ma jergghux jimmolestawh.

Rat l-fedina penali tal-imputati kif esibiti fl-atti a fol 5 et seq tal-process u minn ezami tal-istess, jirrizulta li Salvatore Spiteri ghandu sitt kontravenzjonijiet registrati fuqha dwar ksur ta’ paci pubblika u talli ghamilha ta’ kunduttur minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn dejjem inghata piena ta’ ammenda, filwaqt li Louis Spiteri wkoll ghandu sitt convictions, izda wkoll ta’ portata zghira.

Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, u cioe in vista tal-fedini penali taghhom, il-kolloborazzjoni taghhom mal-Prosekuzzjoni, l-ammissjoni taghhom fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li diga rrimborsaw lil vittma l-parti l-kbira tal-hsarat kagjonati minnhom u l-fatt li l-vittma hafrilhom

ta' dak li ghamlulu, il-Qorti ma hiex tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja fuq l-imputati.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 221, 325(b)(c), 338(m)(bb), 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib liz-zewg imputati SALVATORE SPITERI u LOUIS SPITERI hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tiddecidi li tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, tordna lil imputati SALVATORE SPITERI u LOUIS SPITERI jhallsu s-somma ta' mitejn u hamsin [250] lira maltin <u>kull wiehed</u> lil Faical Mahouachi bhala kumpens ghal hsarat li sofra rappresentanti l-bilanc dovut lilu, u dan in linea ma l-artikolu 24(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll lil imputati SALVATORE SPITERI u LOUIS SPITERI ma jimmolestawx, ma jingurjawx u ma jheddux lil Faical Mahouachi ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputati u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------